MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 263/2003

**Malta Information Technology and Training Services Ltd**

**vs**

**James Darmanin**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u disgha u erbghin lira Maltin (Lm3,849), liema somma tirraprezenta nofs il-paga kollha li ghaliha huwa kien intitolat taht il-kuntratt ta' l-impjieg tieghu, kieku huwa baqa' fis-servizz ghaz-zmien espressament miftiehem, u dan ai termini tal-artikolu 36 tal-Att XXII tal-2002, jew legislazzjoni precedenti applikabbli ghal dan, u liema somma kienet minnu dovuta in vista tal-fatt li huwa ttermina l-kuntratt ta' l-impjieg tieghu minn mas-socjeta' attrici, liema kuntratt datat 22 ta' Jannar, 1999, (Dok. "A")

kien ghal zmien definit, kif kien ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' 9 ta' Mejju, 2002 u bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' Mejju, 2001, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-19 ta' Novembru, 2003, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------